MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 3(2011), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn, 28 ta' Frar 2011, fil-5.00 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Kopji tad-DVDs tal-Proġett "Aphrodite"
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 1(2011) u tal-laqgħa nru. 2(2011) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Dwar Para. 4.6 (applikazzjoni ta' "Ix-Xlukkajr" għal permess għal mwejjed u siġġijiet fil-Pjazza), il-Kunsill reġa' kkunsidra din l-applikazzjoni minħabba li l-permess tal-MEPA kien ġa ħareġ. Wara li ħareġ dan il-permess, kien id-Dipartiment tal-Artijiet li talab il-kummenti tal-Kunsill. Peress li kien għad għandu jsir *Master Plan* għal din l-area, il-Kunsill qabel li jirtira l-oġġezzjoni tiegħu bil-patt li dan il-permess jiġi emendat skont il-*Master Plan* meta dan jiġi approvat u li l-Kunsill ikun jista' jitlob lis-sid ta' "Ix-Xlukkajr" gimgħatejn bil-quddiem sabiex ma jarmax l-imwejjed u siġġijiet f'ċerti ġranet meta tkun se ssir xi attivita' fil-Pjazza. Il-Kunsill kellu jitlob li jibdew taħdidiet immedjati mad-Dipartiment tal-Artijiet u l-Awtoritajiet oħra kkonċernati sabiex jibda jiġi fformulat il-*Master Plan.*

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Dwar l-ilment tas-Sur Charles Caruana rigward parkeġġ f'Triq il-Port Ruman, il-Kunsill qabel li l-aħjar soluzzjoni tkun li din it-triq issir *one way.* Pero' l-Kunsill xtaq li qabel ma ssir din it-talba lil Transport Malta, il-Kunsill jagħmel referendum sabiex ir-residenti ta' din it-triq jesprimu l-opinjoni tagħhom.

**4.3** Il-Kunsillier Pomroy aċċetta li jattendi l-attivita' tal-preżentazzjoni tad-donazzjonijiet li nġabru għall-Community Chest Fund lill-President ta' Malta fil-Palazz ta' San Anton nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Marzu 2011.

**4.4** Id-Direttur tat-Turiżmu kien talab jekk kienx possibbli li l-Kunsill jiġbor l-iskart li kien reġa' ġie mormi fir-Riżerva tal-Ballut wara li din kienet tnaddfet fil-bidu ta' Jannar 2011. Il-Kunsill talab lis-Segretarju sabiex jinfurmah li kien hemm bżonn li tissewwa l-*fence* biex ma jkunx hemm aċċess għar-riżerva.

**4.5** Il-Viċi-Sindku kellu jikkuntattja lis-Sinjurina Rachel Decelis, Environment Protection Officer mal-MEPA, dwar *Dispersion Modelling Study* li kkummissjunat il-MEPA kif jeżiġi l-permess tal-IPPC għal-*Power Station* ta' Delimara.

## 5. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku

**5.1** Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa tal-Bord tal-Appell dwar l-estensjoni tal-*Power Station* li kienet saret nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Jannar 2011. Waqt din il-laqgħa, il-Bord kien talab lill-Inġinier Arthur Ciantar, konsulent tal-Kunsill, sabiex jippreżenta f'affidavit ir-rapporti li kien ħejja dwar l-estensjoni.

## 6. Kopji tad-DVDs tal-Proġett "Aphrodite"

**6.1** Il-Kunsill talab lill-Kunsillier Pomroy sabiex jistaqsi lis-Sur Charles Stroud għal stima sabiex isiru madwar 1,500 kopja tad-DVD tal-progett "Aphrodite".

## 7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

**7.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Viċi-Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Anġlu Grech | Konkos għal bankina Triq il-Galjazz (1183) | 61.36 |
| Anġlu Grech | Konkos għal bankina Triq il-Kavallerizza (1214) | 245.44 |
| Bitmac | 25 boroż *Instant Road Repair* | 106.20 |
| Book Distributors Ltd | Kotba għall-Librerija | 249.93 |
| Bugelli | Kotba għall-Librerija | 56.00 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Diċ 10 (48 hrs @ €5.83/hr) | 279.84 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 31.01.11 (No 188) | 48.91 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 08.02.11 (No 191) | 43.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol għall-mutur 15.02.11 (No 199) | 21.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 22.02.11 (No 323301) | 43.60 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol għall-mutur u l-pompa 28.02.11 (No 323302) | 25.00 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Jan '11 | 624.83 |
| Commissioner of Inland Revenue | SSC (parti mħallsa minn min jimpjega) Diċ '10 | 452.45 |
| Dr Sharon Mizzi | Appell dwar l-estensjoni tal-Power Station | 996.00 |
| Director of Information | Pubblikazzjoni tal-Lista tal-Bejjiegħa fil-Gazzetta Gvern | 68.12 |

| | | |
|---|---|---|
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Jan 11 | 1030.75 |
| F Cordina & Sons | *Angle and hinges*- tiswijiet ta' sprall fil-Magħluq | 75.52 |
| Farmers Central Coop | Bexx għall-ħaxix ħażin | 102.00 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Jan 11 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Jan 11 | 58.23 |
| GAL XLOKK | Sħubija għal ħames snin fil- programm LEADER | 5000.00 |
| GO | 21659555, Jan 11 | 21.54 |
| GO | 21652525, Jan 11 | 284.02 |
| GO | 21650937, Jan 11 | 61.86 |
| GO | 21652392, Jan '11 | 17.91 |
| GO | 21652392, Frar 11 | 15.72 |
| G4S | *Cash-in-transit* Jan 11 | 30.44 |
| General Informatrix | Tiswija tal-printer tas-Segretarju Eżekuttiv | 26.12 |
| General Informatrix | Hard Disk Drive - Internet Centre | 85.00 |
| Honoraria | Honoraria tas-Sindku Jan 11 | 420.03 |
| I.V. Portelli & Sons Ltd | Tiswijiet tac-*chainsaw* | 9.20 |
| Jason Gauci | Gazzetti Jan 11 | 92.85 |
| Jason Gauci | Gazzetti Frar 11 | 80.90 |
| M.G. Pulis | *Connectors* għall-pompa tal-ilma | 19.00 |
| mita | e-mail accounts Ott - Dec '10 | 9.96 |
| Newwes Garage | Trasport għall-ikla tal-Milied 08.01.11 | 82.60 |
| Nexos Street Lighting | Manutenzjoni tad-dwal tat-toroq Ott 10 - Jan 11 | 1157.47 |
| Petty Cash | Spejjeż tal-*Petty Cash*, 19 Jan - 22 Frar '11 | 97.91 |
| Ronald Bezzina Bulky Refuse Services | Bulky Refuse Jan 11 | 195.06 |
| Ronald Bezzina Street Sweeping | Kenniesa Jan 11 | 1781.25 |
| Salarji | Impjegati u Segretarju Eżekuttiv Jan 11 | 3600.36 |
| Schembri Concrete Blocks | Kurduni - Bankina Triq il-Kavallerizza | 48.07 |
| Schembri Concrete Blocks | Bricks għall-Pjazza | 33.04 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 23.01.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 30.01.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 12.02.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 27.02.11 | 47.52 |
| Valley Pet Shop | Bexx għall-ħaxix ħażin | 39.60 |
| WasteServ | Landfill charges Dec 10 | 1834.83 |
| Wise Owl | Kotba għall-Librerija | 364.96 |
| | **Total** | **€24167.30** |

**7.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**8.** **Affarjiet Oħra**

**8.1** Il-Kunsill approva nefqa' ta' €2,500 sabiex jiġu organizzati attivitajiet għall-Karnival nhar il-Ħadd, is-6 ta' Marzu 2011.

**8.2** Dwar it-talba tas-Sur Schembri għal *double yellow line* twila 8 metri f'Triq il-Galjazz kantuniera ma' Triq l-Imriekeb, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikteb lil Transport Malta.

**8.3** Il-Kunsill qabel li toħroġ sejħa immedjata għal offerti għal *Ground Fountain* fil-Pjazza. Id-dokumenti tas-sejħa kellhom jiddikkjaraw li dan il-proġett kien jiddependi mill-akkwist ta' fondi mill-UIF li huma amministrati mill-MEPA.

**9.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**